# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-8 ta' Diċembru 2008

## li taħtar il-President tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea

(2009/22/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 tiegħu,

Waqt li jfakkar fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/79/PESK tat-22 ta' Jannar 2001 li tistabbilixxi l-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea ([1]),

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2001/79/PESK, il-President tal-Kumitat Militari jinħatar mill-Kunsill fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat imlaqqa' fil-livell tal-Kapijiet tad-Difiża,

(2) Fil-laqgħa tiegħu tad-29 ta' Ottubru 2008, il-Kumitat imlaqqa' fil-livell tal-Kapijiet tad-Difiża rrakkomanda li l-Ġeneral Håkan SYRÉN għandu jinħatar President tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea,

JIDDEĊIEDI:

*Artikolu 1*

Il-Ġenerali Håkan SYRÉN huwa maħtur bħala President tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea għal perijodu ta' tliet snin mis-6 ta' Novembru 2009.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjal tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 8 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. KOUCHNER

([1]) ĠU L 27, 30.1.2001, p. 4.